# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju 2025**

**Numru 8**

**Rikors Numru 924/2022**

**Jean Guy Legendre f'ismu propju u bhala eredi tal-mejta Renee Pelland-Legendre, Etienne Legendre u Marie-Christine Pelland-Legendre bhala eredi tal-mejta Renee Pelland-Legendre**
**vs**
**Citadel Insurance Plc**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Jean Guy Legendre f'ismu propju u bħala eredi tal-mejta Renee Pelland-Legendre, Etienne Legendre u Marie-Christine Pelland-Legendre bħala eredi tal-mejta Renee Pelland-Legendre (l-Atturi) tal-11 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi fis-16 ta` Lulju 2011 fil-limiti tar-Rabat, Malta sehh incident tat-traffiku bejn il-vettura BMW numru ta` registrazzjoni UVE 333 misjuqa minn Clayton James Fenech u assikurata mas-socjeta intimata Cittadel Insurance Plc, u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBK 454 misjuqa

minn Jean Guy Legendre, li kellu bhala passigiera fuq quddiem fil-karozza, lil martu Rene Pelland-Legendre.

2. Illi bhala kosnegwenza ta` dan l-incident il-passigiera, Rene Pelland-Legendre sofriet griehi serji u sussegwentament mietet hawn Malta fid-0 ta` Settembru 2011 u halliet bhala eredi lil zewgha r-rikorrenti Jean Guy Legendre u uliedha r-rikorrenti l-ohra Ettienne Legendre u Marie- Christine Pelland-Legendre.

3. Illi anki l-istess rikorrenti, Jean Guy Legendre kora f` dan l-incident u inkorra diversi spejjes, principalment relatiti mal-kura li kellu jiehu konsegwenza ta` din l-incident, u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza.

4. Illi konsegwenza ta` dan l-incident sofrew wkoll ulied il mejta Renee Pelland-Legendre, ir-rikorrenti Ettiene Legendre u Marie-Christine Pelland-Legendre u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

5. Illi ghall dan l-incident jahti biss, Clayton James Fenech, l-asskurat tas-socjeta intimata,u dana billi huwa kien qed isuq il-vettura tal-ghamla BMW bin-numru ta` registrazzjoni UVE 333 b` mod negligenti u imprudenti billi kien ghaddej bi speed eccessiv fuq in-naha l-hazina tat-triq, bir-rizultat li huwa dahal head on fil-vettura misjuqa minn Jean Guy Legendre li dak il-hin kienet qed tinsaq b` mod regolari u skond ir-regolamenti tat -traffiku u dana kollu kif sejjer jigi ampjament provat waqt is-smiegh tal-kawza izda wkoll kif jirrizulta mis-sentenza moghtija fit-8 ta ` Novembru 2019 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri ) fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited noe et vs Clayton James Fenech u Gasan Mamo Insurance Limited Appell NRu.49/2018 (Dok JVC), li permezz ta` din is-sentenza Clayton James Fenech, assikurat mall-kumpanija intimate, intsab unikament hati ghall-incident li sehh fis-16 ta` lulju 2011 li fih mietet Renee Pelland Legendre.

6. Illi l-intimati ghalkemm interpellati permezz ta` diversi ittri ufficjali datati 8 ta` Novembru 2012, 9 ta`Marzu 2015, 18 ta` Gunju 2018, 6 ta` Jannar 2021 u 18 ta` Mejju 2022 sabiex jaddivvjenu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqghu inadempjenti;

7. Illi dawn il-fatti huma maghrufa personalment lill-esponenti.

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett ghaliex din il-Qorti ma` ghandiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijet u provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara li Clayton James Fenech is-sewwieq tal- vettura tal-ghamla BMW bin-numru ta` registrazjoni UVE 333, u assikurata mas-socjeta intimata, Citadel Insurance Plc, huwa unikament responsabbli ghall-

incident in kwistjoni u d-danni relattivi minhabba traskuragni u negligenza kif premess:

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponenti Jean Guy Legendre personalment u, kif ukoll, d-danni sofferti minnu stess u mir-rikorrenti l-ohra u cioe Ettienne Legendre u Marie-Christine Pelland -Legendre ilkoll bhala eredi tal-mejta Renee Pelland -Legendre okkorrendo permezz ta`periti nominandi; u

3. Tikkundanna lill-intimata, bhala l-assiguatrici tal-vettura misjuqa mill-imsemmi Clayton James Fenech, thallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata in linea ta` danni

   Bl-ispejjez ta` dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta` ittra Ufficjali datata 8 ta ` Novembru 2012, 9` ta ` Marzu 2015, 18 ta` Gunju 2018 , 6 ta` Jannar 2021 u 18 ta` Mejju 2022 kontra l-kumpanija intimate li r-rapprezentanti taghha jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ Citadel Insurance plc (is-Soċjeta’ konvenuta) tas-7 ta’ Novembru 2022 li permezz tagħha wieġbet u eċċipiet is-segwenti:

1. Illi l-fatti kif dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati;

2. Illi l-fatti kif dikjarati fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati fis-sens li għandha ssir il-prova tal-kagun tal-mewt kif ukoll il-prova tal-wirt premess mill-atturi;

3. Illi l-fatti dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma wkoll kontestati billi, filwaqt li huwa ammess li l-attur Jean Guy Legendre sofra xi korriment, in-natura tal-korriment, il-grad ta’ dizzabilita u l-ispejjez inkorsi għandhom jigu ppruvati skond il-ligi.

4. Illi dwar l-fatti dikjarati fir-raba paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici l-esponenti tirriserva li tirrispondi skond dak li ser jigi ipotezzat waqt is-smigħ tal-kawza;

5. Illi l-fatti kif dikjarati fil-ħames paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kollha kontestati billi l-incident seħħ tort unikament ta’ Jean Guy legendre li kien qieghed isuq il-vettura tiegħu “wrong side” u dan kif ser jigi debitament ippruvat waqt is-smigħ tal-kawza. Jingħad ghall-kompletezza li l-istess Clayton James Fenech kien

gie ezonerat fi proceduri li kienu ngabu mill-pulizija fil-konfront tiegħu u dan b' decizjoni tat-23 ta' Mejju 2016 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Giudikatura Kriminali fl-atti tal-kumpilazzjoni numru 1041/2011 u li fiha, fost l-ohrajn il-Qorti kien irrizultalha li kien l-agir ta' Jean Guy Legendre il-kawza tal-incident stradali, kif jistqarr hu stess "*All of a sudden got disorientated and drove on the wrong side of the road and the collision occurred*." (Ara decizjoni kopja ta' liema hi hawn annessa mmarkata dokument CF1)

6. Illi l-fatti kif dikjarati fis-sitt paragrafu attrici huma kollha kontestati billi l-ecceipjenti ma għandhiex tħallas lill-atturi.

**Eccezzjonijiet**

1. Illi Clayton James Fenech ma jaħtix għall-incident *de quo* u lanqas għad-danni allegatament sofferti mill-attrici liema incident gara unikament tort ta' Jean Guy Legendre u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigħ tal-kawza.

2. Illi l-ecceipjenti ma hijiex responsabbli għad-danni reklamati mill-atturi;

3. Illi fi kwalsiasi kaz u mingħajr pregudizzju ghas-suespost li d-danni reklamati għandhom jigu ppruvati skond il-ligi.

4. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu micħuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda mressqa fil-perkors tal-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

## Punti ta' fatti

Din il-kawża titratta inċident stradali li seħħ fis-16 ta' Lulju 2011 fil-limiti tar-Rabat. Fil-ġurnata ta' l-inċident il-vettura tal-għamla Chevrolet bin-numru ta' reġistrazzjoni EBK 454 kienet misjuqa mill-Attur Jean Guy Legendre

mentri l-oħra, tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni UVE 333 kienet misjuqa minn Clayton James Fenech, l-assigurat tas-Soċjeta' konvenuta. Fl-inċident inkwistjoni kienet ukoll involuta Renee Pelland-Legendre, li tiġi mart l-Attur appena imsemmi u omm l-Atturi l-oħrajn. L-inċident jidher li ġara meta ż-żewġ vetturi kellhom *head on collision* meta sabu lilhom infushom fuq l-istess karreġġjata hekk kif ġejjin minn direzzjonijiet opposti. B'konsegwenza ta' l-inċident l-Attur Jean Guy Legendre sofra xi danni mentri li martu Renee jidher li mietet xi jiem wara b'konsegwenza ta' l-inċident.

L-Atturi qed isostnu li dan l-inċident seħħ bi ħtija unika tal-imsemmi Clayton Fenech, l-assigurat tas-Soċjeta' konvenuta. Għalhekk b'din il-Kawża qed jitolbu mingħand is-Soċjeta' konvenuta d-danni sofferti.

**Punti ta' Liġi**

L-azzjoni esperita f'din il-Kawża hija ndubbjament abbażi tal-artikoli 1031 u 1032(2) tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk l-azzjoni hija dik toħloq obbligu legali fir-rigward li kulħadd huwa mistenni li jġib ruħu sew mingħajr ma jagħmel ħsara lil ħaddieħor u jekk hekk jagħmel dik il-ħsara jrid jagħmel tajjeb għaliha.

Dan il-ħsieb huwa rifless fis-segwenti żewġ artikoli tal-Kodiċi Ċivili: Art 1031 (1) "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

*(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar".* Art 1033 li jiddisponi wkoll li "*Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.*"

Fis-**Sentenza fl-ismijiet Dr. Remigio Zammit Pace noe -vs- Reginald Fava et noe et, deċiża fil-25 ta' Marzu 2004**, il-Qorti qalet hekk fir-rigward l-obbligi msemmija:-

"L-istess liġi hi mbagħad daqstant ieħor kategorika u ċara dwar il-punt illi *kull min … mingħajr ħsieb li jagħmel jew jonqos li jagħmel id-doveri imposti mill-liġi, huwa obbligat għall-ħsara li tiġi minn hekk". Dawn il prinċipji jabbraċċjaw l-attijiet ta' kummissjoni kif ukoll ta' omissjoni*". Kif ukoll intqal fis-**Sentenza fl-ismijiet Bonnici -vs- Mizzi, deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003**, b'approvazzjoni għal dak li ntqal f'ġudikat anterjuri, li "*Si ha colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria omissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene*" (**Vol.XXIV.I.172**)".

Fl-aħħar nett irid jingħad, li l-prinċipji ennunċjati fil-Kodiċi Ċivili huma ġenerali. Fihom jissubentraw obbligi oħrajn speċifiċi bħal per eżempju d-direzzjoni li jagħti l-High Way Code lil kull sewwieq u pedun.

**Konsiderazzjonijiet**

Bħal ma dejjem jiġri, f'każijiet bħal dawn għandu l-ewwel ikun stabbilit min huwa responsabbli għall-inċident u wara jekk ikun il-każ, jiġu likwidati d-danni sofferti.

<u>*Ir-responsabbilita'*</u>

L-Antolisei jispjega li "*L'imprudenza e' propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui*". (Ara **Antolisei F, "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 [Giuffre`, 2000], p. 366**). U fin-**Novissimo Digesto Italiano** insibu wkoll li "*Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positiva dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela.*" (Ara **Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548**).

Bl-istess mod fis-**Sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998**, ingħad illi "*L imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma jieħu l-opportuni kawteli*". Dan ifisser ukoll li da parti ta' kull sewwieq ma jistax ikun hemm mankanza ta' *proper look out* għaliex kif intqal fid-**Deċiżjoni fl-ismijiet Pulizija -vs- J.M. Laferla** "*min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm 'a proper lookout*.

Apparti dawn il-prinċipji, jispetta dejjem lill-Attur jipprova r-responsabbilta' għall-inċident hija dik tal-konvenut. Bl-istess mod meta jiġi biex jipprova d-

danni għaliex dawn ma humiex presunti. Min-naħa l-oħra sta għall-konvenut li jisdetta l-pretensjonijiet u allegazzjoni li jkun qiegħed javvanza l-Attur f'kawżi ta' din ix-xorta.

Issa f'din il-Kawża l-Qorti għandha quddiemha żewġ verżjonijiet tal-partijiet, li bihom jikkontradixxu direttament lil xulxin dan għaliex kull parti tgħid lill-oħra li kienet fuq il-karreġġjata l-ħażina.

Għalhekk jinvokaw favurihom is-sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati, fejn jekk ma tridx it-tnejn ġew liberati. Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Marzu 2014 illiberat lill Jean Guy Legendre mentri dik datata 23 ta' Mejju 2016 illiberat ukoll lil Clayton James Fenech. Pero' tajjeb li niftakru, li kif dejjem irribadew dawn il-Qrati, sejba ta' ħtija o meno fil-kamp penali ma hiex bil-fors konduċenti għal sejba o meno ta' responsabbilita' fil-kamp Ċivili.

Imqar niftakru li l-grad ta' prova u konvinċiment f'wieħed jew l-ieħor huma differenti għall-aħħar. Din il-Qorti ma għandiex issib li ma hemmx responsabbilita' minħabba dubbju raġjonevoli li tidetta r-raġuni, iżda trid tara jekk fuq il-preponderanza tal-provi u bilanċ ta' probbabiltajiet hemmx responsabbilita' Ċivili. Għalkemm il-provi akkwiżiti fil-kriminal xorta jistgħu jittieħdu inkonsiderazzjoni u hekk ukoll ir-raġunament u argumenti ta' dik il-Qorti, kemm -il darba dawn ikunu jissodisfaw il-grad ta' prova meħtieġa fil-kamp ċivili (Ara **Sentenza tat-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet George Bugeja vs- Joseph Meilak Prim Awla tal-Qorti Ċivili**).

Issa sa fejn jirriwarda r-responsabbilita', din il-Qorti tagħti aktar piż lil dik il-verżjoni l-aktar verosimili fiċ-ċirkostanzi, u li toqrob aktar lejn dak li huwa sewwa. Issa f'din il-kawża l-kwantita' ta' ritratti esebiti diġa' jgħidu ħafna. Jekk wieħed iħares lejn dawn ir-ritratti, mill-ewwel jokkorri lil dak li jkun li anke l-istess liġi naturali tiddettalek fejn tassew kienet iż-żona ta' impatt ("*spot of impact*"). Il-konċentrazzjoni tad-*debris* fl-istess roqgħa, huwa fih inniffsu *res ipsa loquitur*, u ma jistax ikun li jindika li l-ħabta saret fuq il-karreġġjata l-oħra, għaliex dan id-*debris* jaqa' zopptu mal-ħabta (Ara Ritratt a' fol 95).

Imma apparti dan kollu, din il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Arbitru li mmetta l-Lodo li bih sab lil Clayton Fenech responsabbli għall-inċident, għaliex fost oħrajn straħ fuq ix-xhieda ta' Pauline Buhagiar. Din kjarament tgħid, li l-vettura ta' l-Attur qatt ma qalbet il-karreġjata (a' fol 377 ara ukoll a' fol 875). Din ix-xhud, li kienet wara l-vettura ta' l-Attur Jean Guy Legendre, univokament tgħid li l-konvenut kien *wrong side* u fuq il-lane il-ħażina (a' fol 876, 877 u tergo).

Għalhekk l-Arbitru sewwa kkonkluda li huwa ġust li dak li jkun jistrieh fuq ix-xhieda li huma newtrali u disinteressati fil-mertu. Mhux hekk ħbieb u membri tal-familja. Dan ma jfissirx li dawn ta' l-aħħar ma jkunux qegħdin jgħidu l-verita', iżda huwa aktar probabbli li s-sewwa jispikka meta jkun xhud newtrali bħal ma hija Pauline Buhagiar.

Imma apparti dan kollu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Marzu 2014 filwaqt li

lliberat lill Jean Guy Legendre qieset ħafna dak li osserva l-espert minnha maħtur Dr. Mario Buttigieg. Għamlet referenza għal dak li qal dan l-espert meta kkonkluda hekk:

*"Illi fl-opinjoni tal-esponent jirrizulta b'mod ċar li l-habta sehhet fuq in-naha tal-lemin tat-triq u ċioe' fejn kien għaddej fil-karreggjata tiegħu Jean Guy Legendre. Illi jidher illi l-vettura ta' Fenech kellha tant forza qawwija illi bid-daqqa li tat lill-vettura ta' Legendre, ix-Chevrolet mxiet lura u konsegwentement daret, fejn giet milquta bil-vettura ta' Pauline Buhagiar li kienet għaddejja wara Legendre. Illi sabiex il-vettura waqfet l-istess vettura habtet go cint baxx. … Illi fl-opinjoni tal-esponent huwa car illi l-incident gara minhabba illi Clayton James Fenech ma baqax isuq fil-karreggjata tiegħu. Illi jidher car minn kif spiccaw il-vetturi illi l-vettura Chevrolet qalet daqqa tant kbira illi daret u mxiet lura u dahhlet fil-vettura Toyota. Illi dan sar konsegwenza tal-velocita għolja tal-vettura BMW li biha habtet fil-vettura Chevrolet fil-mument tal incident meta qatgħet il-liwja għad-dritt. Il-velocita tal-BMW kienet qawwija bizzejjed li bid-daqqa il-vettura Chevrolet mxiet lura waqt li l-momentum tal-BMW kien tant qawwi li l-vettura waqfet biss meta habtet f'cint baxx li hemm biswit it-triq."*

Huwa wkoll ta' interess dak li jgħid Ian Joseph Buhagiar. Għalkemm dan ix-xhud ma għandux id-don tal-profezija pero' xorta waħda ra dak li ġej, għaliex kif jgħidu, il-ġurnata minn fil-għodu turik. Dan ix-xhud inzerta, li ftit qabel l-inċident kien għaddej fit-triq fl-istess inħawi f'vettura differenti. Dan jirrakkonta kif lemaħ BMW għamla Z3 misjuqa b'veloċita' eċċessiva tant illi

meta kien qiegħed idur mal-liwja bdiet taqta' għad-dritt (a' fol 413 a' fol 433). Dan ix-xhud jgħid hekk:

"*Jiena u niezel hemm l-ilwa għaliha lejn ix-xellug, rajt tiegħla BMW, two seater griz metallic. Hu gie mill-faccata tiegħi. Rajtu li qasam għal fuq is-side tiegħi jiena resaqt lejn il-gemb u baqa' tiela' gass down. Dak il-hin jiena għedt 'sa jinfaqa' u bqajt niezel id-direzzjoni tan-Naxxar*". Meta dan mar fuq il-post għaraf il-vettura tal-konvenut (a' fol 492). Meta ċemplulu dwar l-inċident saħansitra staqsa jekk kienx hemm xi BMW involuta. Daqshekk raha ġejja!

Pauline Buhagiar qalet li kienet qed issuq wara l-vettura ta' l-Attur lejn id-direzzjoni tal-Mosta. "*F'daqqa wahda rajt karrozza gejja mill-faccata, kienet BMW, giet fuq in-naha tal-carraige way li konna nezlin ahna. Ngħid li l-ispeed tal-BMW kien eccessiv għaliex f'daqqa giet fuqna. Habtet mac-Chevrolet li kienet quddiemi ...*" (a' fol 468).

F'Sentenza minnhom, il-Qorti saħansitra osservat li "*The expert therefore concludes that the impact occurred when the BMW invaded the carriageway where the Chevrolet was being driven and this at high speed. He states that the velocity of the BMW can be determined by the application of the principles of physics wherein the force was so great that it caused a backward thrust on the Chevrolet which then hit another car and spun round. The BMW had such a high momentum that it stopped only when it pivoted and collided with the low boundary wall at the side of the road".*

Għal din il-Qorti huwa ċar, li l-imsemmi Clayton Fenech kien qed isuq b'veloċita' eċċessiva u fuq il-karreġjata l-ħażina. L-entita' u l-kobor tad-danni jixhdu dan.

Finalment rapport ex-parte ta' Dr. Michael James Crouch, espert forensiku f'kolliżjonijiet, jagħti spjegazzjoni ċara tal-mekkanika tal-inċident li anke taqbel mal-konklużjoni tal-espert maħtur mill-Qorti fl-inkjesta fuq imsemmija. Fil-fehma ta' din il-Qorti, minkejja l-kontro eżami sserrat ta' dan ix-xhud, il-konklużjonijiet li jasal għalihom dan l-espert hija l-inkurunazzjoni tal-ħtija tal-imsemmi Clayton Fenech. L-ispjegazzjoni ċara u teknika tiegħu hija mija fil-mija kompatibbli mal-konklużjonijiet raġġunti kemm mill-espert Mario Buttigieg u anke mid-diversi deċiżjonijiet mogħtija fil-konfront tal-imsemmi (Ara a' fol 861).

Fl-aħħar nett il-Qorti tfakkar, li din il-Qorti, ai fini ta' sejba ta' responsabbilita' fil-kamp ċivili ma tibbażax ruħha fuq il-prinċipju tad-dubbju raġjonevoli li tiddetta r-raġuni, iżda tqisha fuq il-prinċipju tal-preponderanza tal-provi u bilanċ ta' probbabiltajiet (Ara **Sentenzi fl-ismijiet Eucaristico Zammit -vs- Eustrachio Petrococchino tal-Qorti Kummerċjali tal-25 ta' Frar 1952 u dik fl-ismijiet Paul Vassallo -vs- Carmelo Pace tal-5 ta' Marzu 1986**). U fis-Sentenza fl-ismijiet **Moira Galea -vs- Michael Zerafa, 6 ta' Ottubru 2000, Qorti tal-Appell** intqal li *"… jassumu rilevanza spiss determinanti b'provi ċirkostanzjali, materjali u fattwali li jagħtu piż korroborattiv lill-versjoni u mhux lill-oħra u li allura jirrendu verżjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-oħra. Elementi ta' prova dawn, li proprju għaliex*

*newtri, oġġettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-ġudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-versjonijiet konfliġġenti tal-partijiet ...”*

Issa, abbażi ta’ dan il-prinċipju, it-tagħlim inkwistjoni, u l-provi li jemerġu mill-proċess odjern, jeżistu abbundanza ta’ indikaturi sabiex iwasslu lil din il-Qorti tasal għall-konvinċiment seren, li l-inċident inkwistjoni seħħ bi ħtija unika tal-imsemmi Clayton Fenech l-assigurat tas-Soċjeta’ konvenuta.

*<u>Id-danni</u>*

Id-danni f’din il-Kawża, dejjem skond l-okkju, qed jintalbu 1. Mill-Attur f’ismu propju u kif ukoll bħala eredi tad-defunta Renee’ Pelland-Legendre u 2. Minn uliedha Etienne Legendre u Marie-Christine Pelland bħala eredi tal-mejta msemmija.

*<u>Dawk tal-ulied</u>*

Il-Qorti fliet sewwa l-aħħar testment tal-mejta (a’ fol 584). Minn dak it-testment l-ulied ma jirriżultawax li huma eredi. Jistgħu biss hekk isiru jekk l-Attur missierhom imut (ara artiklu 5 u 6 tat-testmentat fol 584 tergo). Issa artikolu 1046 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li “*Jekk minħabba l-għemil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-qorti tista’, flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta’ inkapaċità totali għal dejjem, skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan”*

Fir-rigward ta’ dan l-artikolu intqal li “*Huwa minnu, u f’dan ir-rigward din il-qorti tikkondividi s-sottomissjoni tal appellant li, hemm differenza bejn dak li għandu jingħata lill-armla u t-tfal tal mejjet, għal dak li jiġi likwidat favur il-*

*ġenituri tiegħu u ħutu. Din id differenza neċessarjament tirrifletti l-grad tad dipendenza fuq l-introitu ġenerat mid-decuius ta' parti u ta' oħra għall-għejxien tagħha. Pero` jiġi rilevat li l-liġi tagħna, kif inhi llum, (ara Artikoli 1045 u 1046 tal-Kap 16) ma titkellem xejn fuq "dependancy" għal fini tal-komputazzjoni tad-danni u kienu biss il-qrati li, b'sens ta' ġustizzja u ekwita`, introduċew dan l-aspett innovattiv fis-sistema ġuridika tagħna"* (Ara **Sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2003 Appell Ċivili, fl-ismijiet Guzeppi Agius, Annunziata Agius u Richard Agius bħala werrieta skond il-liġi ta' Godfrey Agius vs Tarcisio Fenech**).

Issa f'dan il-każ din il-Qorti tħoss li ma rriżultax li l-Atturi aħwa Legendre kienu b'xi mod prossimu għall-aħħar dipendenti. Anzi pjuttost il-kuntrarju. Iżda min-naħa l-oħra l-anqas ma din il-Qorti tħoss li ssir ġustizzja ma' ulied li ċertament għandhom interess fil-mewt ta' ommhom kemm materjali u kif ukoll mod ieħor. Il-Qorti tħoss li anke huma għandhom ikunu kkumpensati anke jekk ma kienu għal kollox dipendenti fuq ommhom. Għalhekk ser tkun qed tillikwida somma ta' wieħed minn għaxra (1/10) li ser tagħti lill-missier qua eredi tal-mejta.

<u>*Id-danni tal-Attur Jean Guy Legendre qua erdi tal-mejta*</u>.

Il-Kap tad-danni huwa regolat mill-artikolu 1046 tal-Kodiċi Ċivili.

Issa sa fejn jirrigwarda l-mewt inkwistjoni Dr. Renee' Pelland, mediku, jgħid "*Until her dramatic death, following a car crash in the Maltese islands on the 9th of September 2011 ... she was in good health and that she was seen once a year for an annual check up and some other times for benign*

*conditions*" (a' fol 126). Fil-waqt li Dr. Mario Scerri jattribwixxi d-deċess għall-inċident inkwistjoni (a' fol 734 et seq u a' fol 748). Anke l-istess esperti tal-patoloġija jaslu għal din il-kwistjoni (a' fol 700).

Din il-Qorti hija konvinta li l-mewt seħħet minħabba l-inċident inkwistjoni. Dan ifisser li skond artikolu 1046 tal-Kodiċi Ċivili : "*Jekk minħabba l-għemil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan*". (Emfażi tal-Qorti).

F'dan ir-rigward intqal li fil-kas ta' mewt il-perċentwal għandu jkun ta' 100%. (Ara **Sentenza fl-ismijiet Teresa Monreal et -vs- Piju Grech et deċiża fit-2 ta' Mejju 2006, Prim'Awla Qorti Ċivili**). Dan ifisser li anke fil-każ tal-lum il-persentaġġ ta' diżabilita' permanenti hija dak ta' 100%.

Id-dritt tal-Attur Jean Guy Legendre li jingħata indennizz mhux meħtieġ li jkun hemm ċerta dipendenza ta' l-eredi mill-awtur tagħhom jew aħjar mill-qliegħ li dan kien jagħmel jew raġjonevolment kien mistenni li jibda jagħmel. (Ara **Sentenza fl-ismijiet Ronald Petrie et -vs- Sebastiano Ciappara, Appell Ċivili, 22 ta' Ġunju 1964**). Għalhekk f'dan ir-rigward l-azzjoni eżerċitata mill-Attur Jean Guy Legendre qed issir minnu *de iure proprio*, bis-saħħa tad-dritt lilhom konferit bl-operat tal-liġi fl-Artikolu 1046.

F'dan ir-rigward huwa interessanti dak li ġie osservat fis-**Sentenza Tal-Qorti ta' l-Appell, fl-ismijiet "Giuseppa armla ta' Salvatore Cortis et –vs- Cecil Baker nomine", 31 ta' Jannar 1997**:

*"Il-fatt li l-legislatur uza l-kelma "eredi" mhix per se konklussiva li l-azzjoni hi mogħtija 'jure haereditatis' għax biex azzjoni tkun tali qabel xejn tkun tirrigwarda xi beni li kien ga fil-patrimonju tad-decujus qabel ma miet ... għalhekk l-interpretazzjoni li trid tingħata lill-Artikolu 1089 (illum Artikolu 1046) mhix dik li l-eredi fih imsemmija huma vestiti b' dik l-azzjoni bhala dritt lilhom trafuz mill-vittma , izda inveci li, għalkemm huma jikkonsegwixxu dak id-dritt minhabba l-mewt tiegħu, dan isir ope legis u bhala dritt proprio tagħhom, li hu koncett sostanzjalment differenti, u għalhekk mhuwiex dritt recepit mill-massa ereditarja, għax hawn mhux qed nitkellmu izjed fuq it-trasmissjoni ordinarja lill-eredi tiegħu tad-drittijiet minnu akkwistati waqt hajtu taht l-Artikolu 1088 (Artikolu 1045) u li ma kellux zmien jesperixxi għalih innifsu sakemm miet, izda fuq ordni iehor ta' ideat."* (Ara wkoll **Vol. XXIV P I p 900**).

Għalhekk l-ewwel li ser ikunu kkunsidrati d-danni sofferti mill-imsemmi qua eredi u wara danni sofferti mill-istess Attur de proprio.

Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jistabilixxi li *"(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, lidak l-għemil seta' jġib".*

Dan l-artikolu jkompli jiddisponi li "*Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal każ, u,*

*b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara"*.

Għalhekk, f'sens ġenerali, id-danni huma, it-telf effettiv (Damnum emergens) u t-telf ta' qliegħ (lucrum cessans).

<u>*Damnum emergens*</u>

Zgur li għandhom jidħlu f'dawn ix-xorta ta' spejjes huma dawk sborsjati għas-servizzi funebri tal-mejta. Dawn jammontaw għal 16,309 dollaru (l-eqreb dollaru a' fol 142). Konvertiti f'ewro dawn jammontaw għal €11,733 (bir-rata ta' 1.39 kif kienet fil-2011)

Il-Qorti tirrileva li ġew esebiti kwantita' kbira ta' dokumenti u riċevuti, mingħajr ma l-Atturi kellhom id-diċenza li jipprovdu lill-Qorti *Statement* ċar b'referenza għall-infieq minnhom magħmula b'referenza għad-dokumenti minnhom preżentati fir-rigward tad-*damnum emergens*. Terġa' u tgħid, dawn id-dokumenti l-parti l-kbira huma bil-lingwa Franċiża b'dispett lejn il-parti l-oħra li mhux neċċessarjament tifhem b'dan l-ilsien.

Għalhekk ai fini ta' telf effettiv din il-Qorti tqies li l-infieq tal-ispejjes funebri biss għandhom jitqiesu bħal danni effettivi.

<u>*Lucrum cessans*</u>

Bħala regola ġenerali, il-prinċipji li għandhom ikunu applikati huma dawk stabbiliti fil-Kawża ta' **Butler -vs- Heard** kif evoluti maż-żmien mill-ermenawtika lokali.

Jibda biex jingħad li f'każ ta' risarċiment ta' danni bħal dak li qed titolbu l-Atturi fiċ-ċirkostanzi, il-prinċipju bażiku huwa dak li dawn jitqiegħdu fil-

posizzjoni li kienu qabel l-inċident u ċioe' daqs li kieku Rene' Pelland-Legendre ma mietitx li fir-realta hija ħaġa impossibbli. Fi ftit kliem, huwa applikabbli l-prinċipju tar-restitutio ad integrum. (Ara **Sentenza tal-Prim Awla per Imħallef Lino Farrugia Sacco tal-5 ta' April, 2011 fl-ismijiet Mario Caruana -vs- Marsovin Limited**).

F'dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-Sentenza fl-ismijiet **Evan Xuereb -vs- Vincent Spalding pro et tal-10 ta' Lulju 2002 tal-Prim Awla** fejn fir-rigward ta' kif jiġu komputati u likwidati d-danni tagħmel użu mis-segwenti kriterji:

Li kiekuRene ma mietitx u minflok sofra ġrieħi ta' natura permanenti l-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-imsemmi kien sejjer ikun affettwat 'l quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Pero, kif diġa' intqal f'każ ta' mewt il-persentaġġ jitqies li għandu jkun tkun ta' 100% (Ara **Sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2003 Appell Ċivili, fl-ismijiet Guzeppi Agius, Annunziata Agius u Richard Agius bħala werrieta skond il-liġi ta' Godfrey Agius vs Tarcisio Fenech**).

Hemm ukoll il-kwistjoni tal-multiplier, li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ jingħata lill-Attur. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru li "*The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases"*

(Ara **Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ.128**).

Huwa stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi, f'dan il-każ mietet, u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Skond xhieda prodotta ingħad li "*Her quite good health as a woman of 63 yeras old ... her solid inheritance (her mother died at an old age, one of her aunts had 101 years"* (a' fol 115). Kienet ser tibda tgħallem f'kulleġġ fil-Kanada'. L-eta' tagħha tirriżulta anke mill-*medico legal postmortem report*.

Issa huwa minnu li l-kejl li jittieħed is-soltu huwa dak sad-data tal-pensjoni tad-danneġġjat. Jirriżulta wkoll li hi diġa' kienet pensjonanta pero' minkejja dan kellha offerti biex tkompli tgħallem f'xi kulleġġi.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li għalkemm il-kejl normali li jimxu fuqu dawn il-Qrati li jingħataw danni sal-eta' ta' 65 sena, din ma hiex xi regola miktuba fl-irħam u li ma hiex soġġetta għal modifikazzjonijiet. Din il-Qorti tgħid, li bħal ma persuna ta' eta' żgħira li tkun afflita b'multipliċita' ta' kundizzjonijiet mediċi jista' jkollha l-aspettattiva għal ħajja imnaqqsa, hekk ukoll persuna li jkollha eta' pjuttost avvanzata minħabba l-istat tajjeb ta' saħħa qabel l-akkadut ta' sinistru jista' jkollha din l-aspettattiva prolongata lil hinn mill-eta' ta' 65 sena (Ara affidavit ta' Johanne A. Beliveau a' fol 129). Issa fil-każ in eżami jirriżulta li Rene għalkemm kellha 63 sena, qabel l-inċident kienet fi stat ta' saħħa tajba u li saħansitra kellha prospetti reali li tkompli fix-xogħol tagħha ta' għalliema. Is-Sentenzi kollha jistabilixxu li

għalkemm il-kejl normali li jimxu fuqu dawn il-Qrati li jingħataw danni sal-eta' ta' 65 sena, din ma hiex xi regola miktuba fl-irħam u li ma hiex soġġetta għal modifikazzjonijiet.

Fost dawn insibu s-Sentenza fl-ismjiet **Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Marzu 2004**. Id-danneġġjat kellu 74 sena u ġie ċertifikat li qiegħed isofri minn debilita' ta' 5%. L-ewwel Qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni minkejja li rriżulta li bħala dħul kellu l-pensjoni u li l-inċident ma kellux effett fuq dan l-introjtu. Madankollu l-Qorti ġġustifikat id-deċiżjoni li tagħmel kalkolu tat-telf ta' qligħ futur minħabba "l-*ispejjeż żejda li jkollu jagħmel minħabba d-diżabilta' tiegħu dawn ifissru qliegħ inqas għalih…*". Hekk ukoll fis-Sentenza fl-ismijiet **Emanuel Buhagiar vs Kyle Stone et deċiża mill-Prim'Awla tal Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-28 ta' Frar 2007**. F'dan il-każ, fil-ġurnata tal-inċident l-attur kellu 73 sena u kien attiv ħafna, jimxi fit-tul u jfendi għal rasu. Wara l-inċident kellu bżonn bastun, beda jsofri minn dipressjoni għaliex ma setax ikompli jagħmel l-attivita' li kien jagħmel qabel. Il-Qorti għaddiet biex tillikwida kumpens mistħoqq lill-attur fuq bażi ta' arbitrio boni viri taħt it-titlu ta' lucrum cessans. (Ara wkoll **Sentenza fl-ismijiet Saviour Sammut et vs Robert Demanuele deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-12 ta' Lulju 2002**).

Fid-dawl ta' dan it-tagħlim u anke tal-provi li jemerġu mill-atti, din il-Qorti ma tarax għalfejn ma għandiex tapplika l-istess prinċipji fil-każ ta' persuna

li titlef ħajjitha meta jkun jidher li, li kieku baqgħet ħajja, kienet tkompli tgħix ħajjitha fil-milja kollha tagħha.

Fis-Sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti osservat li hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967.** F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-"*chances and changes of life"*. Iżda l-figura dejjem tista' tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni.

Iżda l-figura użata għall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** osservat li f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat.

F'dan ir-rigward Munkman jagħmel osservazzjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti għandha validita' inkwantu l-vittma kienet anzjana u di piu' bi preċedent simili għal dawk mertu tal-Kawża. Anke jekk din l-osservazzjoni hija f'każ ta' mewt dan jgħid li "*unless there is clear evidence in an individual case to*

*support the view that the individual is a typical and will enjoy longer or shorter expectation of life, no further increase or reduction is required for mortality alone* (**Munkman On Damages for Personal Injuries and Death LexisNexis 12th Ed, pg 810**). F'dan il-każ kif diġa' aċċennat, il-mejta kellha l-potenzjal kollu li tkompli tgawdi ħajjitha bl-impenji kollha tagħha.

Għalhekk f'dan il-każ, tenut kont li l-mejta kienet f'saħħitha u di pju' għandha storja fil-familja ta' lonġevita' ta' ħajja, il-perjodu ta' 15 -il sena bħala multiplier ikun ġust. Ittieħed ukoll inkonsiderazzjoni li l-aspetattiva tal-ħajja tan-nisa fil-Kanada, pajjiż li għandu fost l-ogħla livell ta' għixien, huwa dak ta' 84 sena (ara dok P066 fil-box file u kif ukoll is-sit eletroniku **Statista**). Għalhekk din il-Qorti tħoss li bħala multiplier il-perjodu ta' 15 -il sena huwa wieħed ġust.

Irid ikun ikkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-"*lump sum payment*". Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-*lump sum payment* huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u sas-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża għaliex jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-"*lump sum deduction*" – (ara **Sentenza PA, fl-ismijiet Agius vs Fenech 29 ta'**

**Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Mizzi vs Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18%. Dan huwa l-każ tal-kawża li għandha quddiemha din il-Qorti stante li r-rikors ġuramentat ġie preżentat fit-11 ta' Ottubru 2022. B'dana kollu din il-Qorti tħoss li l-"*lump sum payment*" ai fini ta' kalkolu ta' danni, dan il-prinċipju ser ikun applikat b'mod ristrettiv, fid-dawl u f'dan il-każ il-Qorti tħoss li l-persentaġġ bħala *lump sum payment* għandu jkun ta' 18%.

Iżda l-qofol ta' kollox huwa l-entrojtu li tkun tilfet il-persuna minħabba l-inċident. Dan jista' jkun salarju fiss jew inkella ta' persuna li tkun impjegata għal rasha. F'dan il-każ jidher li l-mejta kien ser ikollha salarju fiss għalkemm *part time*. Il-mejta kienet daħlet f'kuntratt biex tgħallem fil-Kulleġġ Durocher Dant-Lambert (a' fol 145). F'ittra datata 9 ta' Ottubru 2013 indirizzata lill-Attur Jean Guy Legendre Francois Boyer għall-kulleġġ Durocher Samt-Lambert jgħidlu li "*We hereby confirm that your late wife Mrs Rene' Pelland-Legendre, has hired as a substitute teacher in Science and Technology and mathematics at Doucher College Saint Lambert, aprivare secondary school. The contract of engagement between College Doucher Saint Lambert and Mrs Pellan-Legendre was signed on May 30 2011. This contract committed Mrs. Pelland-Legendre to teach part time in a replacement postion for 2011-2020 school year, starting August 25 2011 and ending June 29,2012."* (a' fol 145).

Minn dokument datat 17 ta' Mejju 2012 jirriżulta li s-salarju nett ta' sena kellu jkun 45,220 Dollari ekwivalenti għal €32,532 bir-rata tal-kambju ta'

dak iż-żmien (Ara dok P134 fil-Box file ta' dokumenti). Pero', peress li l-kuntratt inkwistjoni kien għal sena u mhux wieħed fiss, il-Qorti trid ukoll tieħu inkonsiderazzjoni, li dan mhux bil-fors kien ser ikun imġedded għas-snin ta' wara. Għalhekk minn dan l-ammont din il-Qorti ser tnaqqas 30% fuq medja ta' (7) sebgħa snin sakemm il-mejta kienet tagħlaq l-eta' ta' sebgħin sena u jerġa' jitnaqqas b'50% sal-eta' 78 sena peress li tonqos aktar l-opportunita' li l-mejta tkompli f'impieg minħabba l-eta' dak iż-żmien pjuttost avvanzata (ara aktar 'l fuq il-multiplier adottat minn din il-Qorti).

Dan ifisser li għal fini ta' kalkolu l-Qorti ser tkun qed tikkonsidra l-introjtu ta' sena tal-mejta fl-ammont ta' €22,773. Il-parti esebiet kwantita' kbira ta' dokumenti mingħajr spjegazzjoni preċiża biex tassisti lill-Qorti fit-tfittxjija tagħhom. F'dan ir-rigward il-Qorti trid ukoll tiddikjara li provat tifhem dawn id-dokumenti u sabet diffikulta mhux biss biex tifhem il-Franċiż u s-sistemi Kanadiżi, iżda l-volum tagħhom kompla kkomplika x-xogħol tal-Qorti.

Apparti dan, il-Qorti ma tistax ukoll ma tikkonsidrax, li kull ammont li ser ikun likwidat ser ikun ċertament suġġett għall-erożjoni mir-rati tal-inflazzjonijiet fuq ħtiġijiet ta' konsum ta' oġġetti. Għalhekk "*at arm's length*", ser tkun qed tillikwida arbitro boni viris is-somma addizjonali ta' ħamest elef ewro (€5,000) oltre l-ammont li ser ikun likwidat rappresentanti d-danni li qed ikunu mitluba.

*<u>Kalkoli ta' danni tal-Attur Jean Guy Legendre qua eredi tal-mejta Rene' Pelland-Legendre.</u>*

€22773 (entrojtu l-ewwel 7 snin sa 70 sena) = €159411 + €91,092 (entrojtu wara 70 sena sa 78 sena) = €250,503 meno lump sum payment (18%) = €205,413 (Lucrum cessans) + €11,773 (damnum emergens) = €217,186 + €5000 (inflazzjoni) = €222,186.

Kwantu għal dak li huwa dovut lit-tfal Atturi f'din il-Kawża, kif rilevat aktar 'l fuq, isegwi li l-ammont għandu jkun 10% kull wieħed tal-*lucrum cessans* fl-ammont ta' €205,413. Dan ifisser li kull wild għandu jipperċepixxi bħala danni l-ammont ta' €20,541.

*<u>Danni tal-Attur Jean Guy Legendre de propio</u>*

Kif diġa intqal, dan l-Attur qiegħed ifittex ukoll de suo proprio, bħala persuna li kienet involuta direttament fl-inċident. A' skans ta' repitizzjoni għall-punti ta' natura legali tal-mod kif jiġu kalkolati d-danni ai fini ta' l-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jingħad aktar 'l fuq.

*<u>Lucrum cessans</u>*

Il-Qorti ħasset li kellha tibda minn dawn ix-xorta ta' danni minħabba l-fatti speċje partikulari ta' din il-Kawża. Għalhekk jibda biex jingħad, li fir-rigward tad-danni fiżiċi li seta' sofra dan l-Attur, ma kienx maħtur espert tal-Qorti biex jeżamina lill-Attur. L-anqas ma jidher li ġie esebit xi ċertifikat mediku ex-parte li jindika l-perċentwal ta' diżabilita' permanenti li sofra.

Huwa jgħid li *"I was put in plaster in my right foot and right-hand fractures"* (a' fol 102). Dan jgħid ukoll li meta mar lura lejn il-Kanada fis-16 ta' Settembru 2011 "*I was still being convalescing: fractures at right foot, right hand and right shoulder disability avoiding me to drive car, using a cane*

*and having to stoop. Unable to wear weights with my right arm and limited manoeuvre with my right shoulder*" (a' fol 118). Jispjega wkoll, li minħabba l-istat fiżiku u mentali tiegħu kellu jitlaq il-professjoni tiegħu u saħansitra kellu jirrifjuta xi kuntratti li kienu offrewlu (a' fol 119). L-inċident laqatlu r-reputazzjoni tiegħu, kemm f'dik li hija ħajja professjonali u anke dik politika peress li qabel kien jokkupa l-Kariga ta' Sindku ta' Carignan, il-belt fejn joqgħod (a' fol 119).

Il-Qorti ma għandha ebda dubbju li l-effett tal-inċident ħalla ġrieħi li ma humiex biss ta' natura fiżika. Iżda jibqa' l-fatt li sa fejn jirrigwarda debilita' permanenti din il-Qorti ma għandha ebda prova dwarha imqar waħda ex parte li tgħid il-perċentwal ta' din id-diżabilita'. Fil-parti l-kbira ta' l-affidavit tiegħu hija kkonċentrata fuq martu. Ċertifikat ta' Dr. Joahnne A. Beliveau MD filwaqt li jagħmel referenza għal possibbilita' ta' post traumatic stress disorder ma jgħidx ħafna aktar ħlief li wara l-inċident l-Attur Jean Guy Legendre inbidel u li *"suffered from anxiety from that accident, the mourning of his wife and all the legal problems that followed"* (a' fol 129 u ara wkoll ittra ta' Michael Trozzo terapista a' fol 147). L-anqas mill-istorja medika ta' Mater Dei Hospital, ma ngħata xi perċentwal ta' diżabilita' permanenti (a' fol 617 sa 671 tergo). Hekk ukoll fir-rapport forensiku ta' Mario Scerri (a' fol 673).

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan l-aspett. Ikkunsidrat li in mankanza ta' prova medika dwar l-eżistenza tal-perċentwal ta' danni permanenti, għandiex tkun hi li abbażi tal-prinċipju ta' ġustizzja ekwitattiva tistabilixxi perċentwal.

Issa kif rajna wieħed mill-kriterji sabiex il-Qorti tkun tista' tasal għal likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* li teqreb lejn il-verita ta' perċentwal huwa meħtieġ *sine qua non*.

B'dan kollu, dan ma jfissirx li meta ma jkunx hemm il-formula matematika abbażi ta' Butler -vs- Hurd, meta l-Qorti tkun moralment konvinta li s-sinistru jkun tassew ħalla debilita' ta' natura permanenti ma għandiex, ta' l-inqas fuq bażi ta' ġustizzja ekwitattiva ma għandiex tillikwida ammont *ex equo et bono*. Il-ġustizzja ekwitattiva ma tippermettix li ma jingħatax rimedju lil min ikun issubixxa xi xorta ta' preġudizzju. Meta ma jkunx hemm prova konkreta proċesswali dwar dan, jekk fil-kuxjenza l-Qorti tħoss li miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ dan il-preġudizzju jeżisti fir-realta` xi xorta ta' danni għandhom ikunu likwidati. Issa fil-każ tal-lum, skond ir-rapporti mediċi esebiti xi xorta ta' prova dwar il-permanenza tal-effetti fuq saħħet l-Attur jeżistu.

Dan huwa prinċipju li mhux biss insibuh f'sentenzi, bħal dik tal-**Prim Awla fl-ismijiet Anthony Borg - vs- Henry Schembri et per Imhallef Joseph Azzopardi tal-10 ta' Ottubru 2011** iżda anke f'artikolu 681 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta (ara wkoll **Giswarda Bugeja-vs- Emmanuel Muscat, Qorti tal-Appell, 23 ta' Ġunju 1967.**)

Għalhekk il-Qorti tħoss li fil-każ odjern għandha tapplika l-prinċipju tal-ġustizzja ekwitattiva, għalkemm din trid tinżamm fil-qafas ta' dak li jiddisponu l-artikoli 1135 u 1045 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Ara **Margaret Camilleri et -vs- The Cargo Handling Co Ltd deċiża fit-13 ta'**

**Ottubru, 2004**). Dawn il-Qrati dejjem irritenew, li ma jistax ikun iddubitat li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. F'deċiżjoni li tinsab **Vol. XXXV P. III p.615 tal-Kollezzjonijiet tad-Deċiżjonijiet** ta' dawn il-Qrati, ġie segwit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Cassazzioni li "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e' rimesso al Magistrato il valutare 'ex aequo et bono' second i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato"*.

Ovvjament, il-likwidazzjoni ta' danni abbażi ta' dan il-prinċipju, mhux faċli li jkun ekwivalenti għal-likwidazzjoni ta' danni ben stradati fuq provi proċesswali li jwasslu għall-komputazzjoni matematika, li solitalment jirrikorru għaliha dawn il-Qrati ai fini ta' kalkolu preċiż fuq formuli żviluppati maż-żmien bis-saħħa ta' sentenzi fuq il-materja.

Għalhekk wara li din il-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikulari tal-Każ hija tal-fehma li għandha tillikwida arbitrio boni viri s-somma ta' **€25,000** bħala danni taħt dan il-kap ta' danni.

*Damnum emergens*

Il-Qorti spiġolat b'sabar kbir l-għadd kbir ta' dokumenti presentati, ħafna minnhom bil-Franċiż u dan mingħajr l-għajnuna ta' xi tip ta' *legend j*ew imqar statement preċiż. L-Attur l-anqas indejna, li talinqas jagħti l-ekwivalenti f'ewro ta' muniti diffrenti.

Għalhekk id-dokumenti li qed tammetti bħal li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni, sa fejn setgħet tifhem il-Qorti, huma is-segwenti: €881 (PO81), Air France Les Cars (PO82), 317$ {€333} (PO83), €281 (PO85), €144 (PO86), €60 (PO 87), €65 (PO88), €757,41 (PO89), €35 (PO90), €375.95 (PO91), €35 (PO94), 727.48$ {€642} (PO95), 844.12$ {€745} (PO96), €543.42 (P100), €564.37 (P102), €101.91 (P103), €75 (P104), €50 (P105), 1309.17$ {€1227}(P106), €340 (P107), €463 (P108), €57 (P110), €297.78 (P111), €305 (P112), €141 (P113), €25 (P115), €28 (P116), €296.78 (P117), €67.80 (P118), €20 (P119), €25 (P121), €650 (P123), €800 (P125), €400 (P127), €350 (P128), €6,000 (P130), €960 (P001), €202 (P002), €1,500 (P004), €714 (P006), €1007 (p007), €299 u €100 (P008), €337 (P009), 719$ {€635}(P010), €2236 (P011), €650 (P013), €348,95 (P016), €863 (P017), €1328.66 (P018), €374.27 (PO19), €249, €25 (P020), €500 (P021), €284.35 (P022) €220.6, €354.27 (P024), €114 (P025), €111 (P026), €30 (P027), €100 (P028), €4700.35 (P029), €90 (P032), 3940$ {€3478}(P033), 300$ {€265} (P035), 2400.17$ {€2118} (P036), €920 (P037), €8071 (P038), €680 (P039), €526.30 (P040), €90 (P041), €154.95 (P042), €89.20 (P043), €175.55 (P0440), €547.96 (P045), €357 (P046), €376.60 (P047), €549.41 (P048), €125 (P049), €670.05 (P051), €245.10 (P052), €116 (P053), €468.38 (P054), €290.17 (P055), €79, €89 (P057), €116 (P058), €528.57 (P059), €451 (P060), €23 (P061), €46 (P062), €121 (P063), €85 (P064), €1395.77 (P065), €328 (P066), €850.62 (P068), €16 (P0 69), €484 (P070), €890.54 (P071), €197 (P072), €285.71 (P074), €737

(P075), 38163 DZD € 919.40 (P076), €14 (P078), €16.70, €18 (P079), €420 (P080), 238.38$ {€210} (P131), €300 (P150), 150$ {€132} (P151), 150$ {€132} (P153). Kull dokument għandu r-referenza kif indikata fi tlett pakketti ta' dokumenti esebiti mill-Attur, oltre dawn hemm ukoll 520$ {€459} għall-fejqan Spiritwali (a' fol 130) u €33, €35 Mater Dei (a' fol 625 u 626).

Irid jingħad ukoll li l-Attur sofra telf ta' kuntratti b'konsegwenza tal-inċident. Johanne Maletto jixhed li "*in 2011, as per previous years, Mr Jean Guy Legendre was awarded contracts by our organisation, However, due the car accident, the injuries suffered, the death of his wife and the associated grief, Mr Jean Guy Legendre have not been able to fulfill the following activities and services as per contracts".* Skond dikjarazzjoni rilaxxata mill-imsemmi tal-25 ta' Ottubru 2023 it-telf kien ta' €48,584 netti (a' fol 722).

Għalhekk magħduda l-ammonti kollha fuq imsemmija d-damnum emergens jammonta għal €113,349.

Likwidazzjoni tad-danni ta' Jean Guy Legendre bħala li jammontaw fit-totalita' tagħhom għal **€138,349.**

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi.

**Tilqa' it-tieni talba** Attriċi bil-mod segwenti:

1. Sa fejn jirrigwarda lill-Attur Jean Guy Legendre fil-kwalita' tiegħu bħal eredi d-danni huma fl-ammont ta' mitejn, tnejn u għoxrin elf, mija u

sitta u tmenin ewro **(€222,186).** Sa fejn jirrigwarda lill-imsemmi de propriod-danni huma fl-ammont ta' mija, tmienja u tletin elf, tlett mija, disgħa u erbgħin ewro **(€138,349)** Għalhekk id-danni kollha sofferti minn dan l-attur jammontaw fit-totalita' tagħhom għal **tlett mija u sittin elf, ħames mija u ħamsa u tletin ewro (€360,535)**

2. Sa fejn jirrigwarda lill-konvenuti ulied fl-ammont ta' **għoxrin elf, ħames mija, wieħed u erbgħin ewro (€20,541) kull wieħed**.

3. **Tilqa' it-tielet talba** Attriċi u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas l-ammonti hekk likwidati lill-Atturi bil-mod kif spjegat hawn fuq, bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes kif mitluba a' karigu tas-Soċjeta' konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**